# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024**

**Numru 6**

**Rikors Numru 502/22TA**

**John Spiteri**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' John Spiteri (ir-rikorrent) tat-23 ta' Settembru 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> **"A. Fatti**
>
> Illi nhar il-11 ta' Gunju, 2022 l-esponent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjha l-Qorti Rimandanti) sabiex jaffaccja proceduri ta' estradizzjoni lejn l-Italja. Nhar it-30 ta' Gunju 2022 il-Qorti tal-Magistrati ordnat il-helsien mill-kustodja tar-rikorrent ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05. L-Avukat Generali appella minn tali decizjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) laqat l-imsemmi appell u nhar it-2 ta' Awwissu, 2022 batghet l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz mill-gdid;

Nhar il-24 ta' Awwissu, 2022 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ddecidiet il-kaz billi ordnat li l-esponent jintbaghat lejn l-Italja. Din id-decizjoni giet appellata. Nhar il-20 ta' Settembru, 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) kkonfermat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ta' nhar il-24 ta' Awwissu, 2022;

Illi nhar it-23 ta' Awwissu, 2022 ir-rikorrent talab il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tordna l-Istat Taljan iforni garanzija li, f'kaz li tinghata l-ordni li jitregga lejn l-Italja, l-Istat Taljan ser jizgura li l-Habs li ser jinzamm fih ir-rikorrent ser ikun konformi mal-protezzjonijiet sanciti fil-Konvenzjoni Ewropea, senjatament, l-Artikolu 3, il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba;

Ir-rikorrent irreitera t-talba tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Irribadixxa t-talba tieghu fuq skorta ta' gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea, liema gurisprudenza ghandha *direct effect* gewwa Malta, u fuq sensiela ta' vjolazzjonijiet tal-Artikolu 3 li ppersistew gewwa l-Habsijiet fl-Italja. Nhar it-2 ta' Settembru, 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat li l-Istat Taljan ghandu jipprovvdi l-imsemmija garanzija. Ghajr, ghal dokument konfuzjonarju u generiku, l-Istat Taljan baqa ma baghat ebda garanzija;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent ghandu preokkupazzjoni serja u gravi li l-estradizzjoni tieghu gewwa l-Italja u z-zamma tieghu fl-istess pajjiz ser twassal ghal lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu fit-termini tal-Artikolu 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi jehtieg jigi rilevat ulterjorment li l-estradizzjoni tar-rikorrent kif ibbazata fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug mis-Stat Taljan, tilledi d-dritt, fost ohrajn, tar-rikorrent ghal smiegh xieraq. Kif ser jigi amplifikat f'dan ir-rikors u waqt is-smiegh tieghu, il-Mandat ta' Arrest Ewropew huwa sprovvist minn informazzjoni li – turi imqarr – kif ir-rikorrent huwa l-bniedem li ghalih jirriferu l-fatti allegati;

Huwa wiehed mill-iktar principji bazici tad-dritt li bniedem ma ghandux jigi pprocessat ghal allegazzjoni minghajr fatti li jispjegaw kif l-allegazzjoni giet imwettqa minnu. Minghajr din in-*nexus* tant fondamentali, il-Ligi u l-applikazzjoni taghha tkun qed timanifesta f'ghodda ta' arbitrarjeta';

Ghaldaqstant, ir-rikorrent ghandu preokkupazzjoni serja u gravi li l-estradizzjoni tieghu gewwa l-Italja ser twassal ghal lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu fit-termini tal-Artikolu 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**B. Lanjanzi**

**<u>L-Ewwel Lanjanza</u>**

Illi l-ewwel lanjanza ventilata mir-rikorrent hija in kwantu l-Istat Taljan naqas minn li jforni l-garanzija mehtiega sabiex jigu mharsa d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, fost ohrajn, id-dritt fondamentali sancit fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Illi huwa fatt indiskuss li l-Istat Taljan huwa persistenti fit-trattament inuman u degretanti li jaghti l-priguniera tieghu. Din il-persistenza tirrizulta bl-iktar mod car minn sensiela ta' sentenzi maqtugha kontra l-Italja fejn l-Istat inzamm responsabbli ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 3 in kwantu l-istat tal-habsijiet gewwa l-Italja. Uhud minn dawn is-sentenzi:

De Giorgi v. Italy 16 June 2022 – Appeal n. 23735/19

SY v. Italy 24 January 2022 – Appeal n. 11791/20

Viola against Italy 13 June 2019 – final on 7 October 2019 – Appeal no. 77633/16

Knox case against Italy 24 January 2019 – Appeal n. 76577/13

Provenzano against Italy 25 October 2018 – Appeal no. 55080/13

VC v. Italy 1 February 2018 – Appeal no. 54227/14

Azzolina and others v. Italy 26 October 2017 Appeals nos. 28923/09 and 67599/10

Blair and others v. Italy 26 October 2017 – Appeals no. 1442/14 amd others

Cirino and Renne v. Italy 26 October 2017 – Appeals nos. 2539/13 and 4705/13

Tiziana Pennino v. Italy 12 October 2017 – Appeal no. 21759/15

Bartesaghi Gallo and others v. Italy 22 June 2017 – Appeals nos. 12131/13 and 43390/13

Talpis v. Italy 2 March 2017 – Appeal n. 41237/14

Illi s-sentenzi tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fir-rigward huma univoci. Il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea tghid:

> *"The execution of a European arrest warrant must be deferred if there is a real risk of inhuman or degraing treatment because of the conditions of detention of the person concerned in the Member State where the warrant was issued".*[1]

Illi *real risk* jehtieg jigi determinat permezz tal-*Aranyosi Test. L'Aranyosi Test* huwa maqsum fi tnejn. L-ewwel parti huwa ezami oggettiv u jehtieg jigi determinat b'dan il-mod (ibid):

> *89. To that end, the executing judicial authority must, initially, rely on information that is objective, reliable, specific and properly updated on the detention conditions prevailing in the issuing Member State and that demonstrated that there are deficiencies, which may be systemic or generalised, or which may affect certain groups of people, or which may affect certain places of detention. That information may be obtained from, inter alia, judgements of*

[1] Joined Cases C-404/15 and C-659/15 PPU Pál Aranyosis and Robert Căldăraru ara ukoll Court of Justice of the Eurpean Union PRESS RELEASE No 36/16 Luxembourg, 5 April 2016

*international courts, such as judgments of the EctHR, judgments of courts of the issuing Member State, and also decisions, reports and other documents produced by bodies of the Council of Europe or under the aegis of the UN.*

*90. In that regard, it follows from the case-law of the EctHR that Article 3 ECHR imposes, on the authorities of the State on whose territory an individual is detained, a positive obligation to ensure that any prisoner is detained in conditions which guarantee respect for human dignity, that the way in which detentkon is enforced boes not cause the individual concerned distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering that is inherent in detention and that, having regard to the practical requirements of imprisonment, the health and well-being of the prisoner are adequately protected (see judgment of the ECtHR in Torreggiani and Others v. Italy, Nos 43517/09, 46882/9, 55400/09, 57875/09, 61535/09, 35315/10 and 37818/10, of 8 january 2013, § 65).*

*91. Nonetheless, a finding that there is a real risk of inhuman or degrading treatment by virtue of general conditions of detention in the issuing Member State cannot lead, in itself, to the refusal to execute a European arrest warrant.*[2]

It-tieni parti huwa wiehed suggettiv u jirrelata mal-kundizzjonijiet tal-inkarcerazzjoni tal-individwu partikolari, f'dan il-kaz, ir-rikorrent. Dan il-kwezit jigi determinat b'dan il-mod:

*92. Whenever the existence of such a risk is identified [real risk], it is then necessary that the executing judicial authority make a further assessment, specific and precise, of whether there are substantial grounds to believe that the individual concerned will be exposed to that risk because of the conditions for his detention envisaged on the issuing Member State.*

Tirrizulta evidenti ghalhekk li l-Istat Malti huwa obbligat jitlob tali garanzija, specjalment meta *si tratta* talba ghal estradizzjoni mis-Stat Taljan. Jirrizulta evidenti ukoll li din il-garanzija, bil-kundizzjonijiet kif ordnati mill-Qori tal-Appell Kriminali u ezegenti mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea, baqat ma nghatatx;

Illi fl-ahhar lok jehtieg jinghad li l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset minn li tapprofondixxi l-argomenti tad-difiza rigward l-inadegwatezza tal-garanziji. L-argomenti ma gewx evalwati u ma nghatat ebda decizjoni dwarhom. Huwa risaput li Qrati ordinarji ghandhom obbligu jharsu d-drittijiet sanciti fil-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti Kostituzzjonali (<u>Emanuela Brincat vs. Avukat Gennerali</u>) rrikonoxxiet tali manzjoni sovrastanti tal-Qrati Maltin:

*"… il-funzjoni tal-Qorti hi li tapplika l-liġi kollha tal-pajjiż, inklużi l-garanziji għad-drittijiet fondamentali ddikjarati u protetti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea u dana preventivament qabel*

[2] Joined Cases Pál Aranyosi C-404/15 and Robert Căldăraru C-659/15 PPU deciza nhar il-5 ta' April 2016 mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea

> *ma tavvera ruħha l-vjolazzjoni u anzi biex tipprevenija. Dan biex possibilment jiġi assigurat li dawn id-drittijiet ma jiġux ivvjolati;*[3]

Dan minnu nnifsu jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent ghandu preokkupazzjoni serja u gravi li l-estradizzjoni tieghu gewwa l-Italja u z-zamma tieghu fl-istess pajjiz ser twassal ghal lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu fit-termini tal-Artikolu 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

**<u>It-Tieni Lanjanza</u>**

Illi t-tieni lanjanza hija in kwantu r-rikorrent ma ghandux jigi pprocessat u estradit meta ma jesistux fatti li qed jorbtu lir-rikorrent mal-fatti allegati fil-Mandat ta' Arrest Ewropew. Illi dan jammonta ghal vjolazzjoni lampanti tad-drittijiet fondamentali tieghu in kwantu qieghed jigi soggett ghall-pocess penali minghajr ma biss hemm allegazzjoni fondata fuq fatti li hu huwa l-persuna imfittxija ghar-reati allegati fil-Mandat ta' Arrest;

Illi huwa pacifiku li l-hrug ta' mandat ta' arrest jehtieg jissodisfa diversi kweziti *sine qua non*. Fost ohrajn, jehtieg jintwera kif il-persuna affettwata mill-mandat huwa l-persuna li dwarha jezisti suspett ragjonevoli li wettqet l-allegati reati. Inqas minn hekk jammonta ghal manifestazzjoni arbitrarja tal-poteri tal-Ligi. F'dan il-kaz, manifestazzjoni arbitrarja tal-poteri ta' Stat estran li kif gib u lahaq jordna li cittadin Malta ghandu jitregga lejn il-konfini tal-gurisdizzjoni tieghu;

Illi ma ghandux ikun bizzejjed li l-partikolarijiet tal-persuna jkunu jaqblu mal-partikolaritjiet redatti fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew. Izda jehtieg ukoll li jintwera kif il-fatti jirrelataw mal-persuna mitluba ghall-estradizzjoni. Fil-kaz odjern dan huwa assolutament nieqes. Illi meta wiehed jipprova jindividwalizza l-fatti li jirrelataw mas-Sur Spiteri minn dawk li jirrelataw ma persuni ohrajn, huwa ovvju illi l-fatti mibghuta mis-Stat Taljan ma jghidu xejn dwar ir-reita tal-fatti allegati komessi mis-Sur Spiteri.

Illi f'dan is-sens jehtieg jigi sottolineat l-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta. Proceduri mnedija fit-termini ta' dan l-Att jehtiegu juru, fuq bazi ta' *prima facie* li l-persuna mitluba hija attwalment l-istess persuna li allegatamnt ikkommettiet ir-reati allegati. Minghajr dan il-limitu minimu, il-procedura ta' EAW issir procedura arbitrarja u abbuziva kontra dawk li jigu effetwati minn rikjesta ta' pajjiz barrani. Ragunament fis-sens li Mandat ta' Arrest Ewropew ghandu jigi ezegwit akkost ta' kollox jikkozza mal-principji sanciti fil-Konvenzjoni Ewropea. Dawn il-principji m'ghandhomx jigu sostitwiti mal-principju tal-*mutual trust*. Kif jghid il-gurista Koen Lenaerts:

> *'In this judgment, the CJEU ruled that the mutual trust principle may be – in principle – reviewable both when executing the Warrant for prosecution or custodial sentence purposes and, as a result, an execution of an EAW may be postponed/abandoned in an*

[3] Emanuela Brincat vs. Avukat Ġenerali, deċiża 21 ta' Frar, 1996.

*exceptional case – **<u>thus recognising that the «mutual trust (in the EU) must not be confused with blind trust</u>**'*.[4]

Illi r-rikorrent ghaldaqstant jemmen li t-treggia tieghu lejn l-Italja abbazi tal-Mandat ta' Arrest Ewropew kif redatt biex isofri u x'aktarx ser isofri minn lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**C. Rimedju mitlub**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li sofra qed isofri jew x'aktarx ser isofri lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu fit-termini tal-Artikolu 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikoli 3 u 6 tal-Ewwel Skeda tal-kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li sofra qed isofri jew x'aktarx ser isofri lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu fit-termini tal-Artikou 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 u 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiehu dawk il-provvedimenti u takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-esponent.

Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tal-1 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. "Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jallega li bl-estradizzjoni tiegħu lejn l-Italja ser isofri minn ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u dan kif sanċiti mill-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 3, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Illi l-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet. Peress li r-rikorrent isejjes l-ilment kostituzzjonali tiegħu fuq żewġ argumenti separati, dawn il-lanjanzi ser jiġu separatament indirizzati.

**<u>L-Ewwel Lanjanza</u>**

[4] Koen Lenaerts, "The Principle of Mutual Recognition in the EU's Area of Freedom, Security and Justice: The fourth annual lecture in honour of Sir Jeremy Lever, 30 January 2015", accessed September 20,2021, https://www.law.ox.ac.uk/news/2015-02-18-principle-mutal-recognition-eus-area-freedom-security-and-justice-judge-lenaerts,29.

3. Illi r-rikorrent jallega li l-ħabsijiet fl-Italja jittrattaw lill-priġuniera tagħhom b'mod inuman u degradanti u b'żieda ma' dan jallega li l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset milli tqis u tifhem l-argumenti tad-difiża dwar dan il-punt. Għalhekk isostni li hu sofra jew x'aktarx ser isofri minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 3 u 6 tal-Konvenzjoni u mill-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni.

4. Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi n-nuqqas ta' applikabbilità tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan peress li f'proċeduri ta' Mandat ta' Arrest Ewropew ma tiġi determinata ebda akkuża kriminali fil-konfront tal-persuna konċernata u lanqas ma jiġu determinati d-drittijiet jew obbligi ċivili tal-istess persuna (ara **Trabelsi v. Il-Belġju**[5]).

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost dwar in-nuqqas ta' applikabbilità tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni f'proċeduri ta' estradizzjoni, dawn iż-żewġ artikoli jipprovdu garanziji għad-dritt għal smigħ xieraq, li dak is-smigħ isir fi żmien raġjonevoli u li jinstema' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. L-Artikolu 6 imur oltre billi jipprovdi wkoll li smigħ għandu jkun pubbliku. Minn dawn l-elementi kollha, ir-rikorrent ma allega ebda ksur.

6. Illi minflok, jidher li l-ilment tar-rikorrent huwa fuq l-analiżi li wettqet il-Qorti tal-Appell Kriminali. Mingħajr tlaqlieq, assolutament mhuwiex minnu li l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset milli tqis l-argumenti tad-difiża. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Appell Kriminali wettqet analiżi profonda mhux biss tal-ġurisprudenza u l-prinċipji applikabbli meta ssir allegazzjoni ta' trattament inuman jew degradanti waqt proċeduri ta' mandat ta' arrest Ewropew, iżda applikat il-ġurisprudenza u l-prinċipji in kwistjoni għall-każ tar-rikorrent b'referenza dettaljata għall-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet Taljani dwar kif ser jinżamm detenut ir-rikorrent fl-eventwalità li hu jiġi estradit lejn l-Italja.

Għalhekk, l-argument tar-rikorrent li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma qiesitx l-argumenti tiegħu m'għandux mis-sewwa.

7. Illi *in linea* mal-premess, huwa paċifiku li l-irwol ta' din l-Onorabbli Qorti mhuwiex li sservi bħala qorti tat-tielet istanza. Dan jingħad għaliex huwa ċar li bl-ilment tiegħu dwar kif il-Qorti tal-Appell Kriminali evalwat il-provi, il-liġi u l-ġurisprudenza, ir-rikorrent qiegħed sempliċiment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti timponi l-opinjoni tagħha minflok dik espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali. L-uniku analiżi li din l-Onorabbli Qorti għandha tagħmel huwa jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, ġewx, jew x'aktarx ser jiġu, leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

8. Illi in kwantu għall-allegat ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, dawn iż-żewġ artikoli jirrikjedu *threshold* għolja li trid tiġi sodisfatta sabiex jiġi konkluż li huwa nġust li persuna rikjesta minn awtorità estera tiġi rimandata lejn l-istat rikjedent. Bid-

[5] Trabelsi v. Il-Belġju [140/2010], Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 4 ta' Settembru, 2014.

dovut rispett, ir-rikors promotur ma jissostanzjax l-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrent u jinkombi fuqu li juri kif, jekk jiġi estradit lejn l-Italja, ser isofri jew x'aktarx ser isofri ksur ta' dawn iż-żewġ artikoli. Ulterjorment, ma jistax ma jiġix osservat li l-każijiet ċitati mir-rikorrent b'referenza għall-ħabsijiet Taljani **filfatt ma jirrigwardawx il-kundizzjonijiet ta' priġuniera fi ħdan ħabsijiet Taljani**.

9. Illi r-reġim karċerarju Taljan, bħal kull reġim karċerarju ieħor, iħaddan sistema ta' protezzjoni kemm għall-individwu kif ukoll għall-kumplament tas-soċjetà in ġenerali kif huwa l-obbligu ta' kwalunkwe stat. Il-fatt li f'ħabs, kif huwa xieraq, ikun hemm sistema ta' sigurtà bl-ebda mod ma jfisser li persuna ser tkun suġġettata għal trattament krudili, jew inuman, jew degradanti. Il-ħabsijiet Taljani jħaddnu sistema karċerarja li tirrispetta l-garanziji li joffru l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

10. Illi għalhekk, it-talbiet rikorrenti fir-rigward ta' din il-lanjanza għandhom jiġu miċħuda.

**<u>It-Tieni Lanjanza</u>**

11. Illi r-rikorrent jallega wkoll li hu ma għandux jiġi estradit għaliex, skond hu, ma hemm xejn li jorbtu mal-fatti allegati fil-Mandat ta' Arrest Ewropew. Ikompli billi jallega li l-estradizzjoni tiegħu lejn l-Italja ser twassal biex hu jsofri jew x'aktarx isofri minn leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

12. Illi kif diġà ngħad, l-irwol ta' din l-Onorabbli Qorti mhuwiex li sservi bħala qorti tat-tielet istanza. Dan jingħad għaliex l-argumenti mressqa f'din il-lanjanza diġà tqajmu mir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti u l-Qorti tal-Appell Kriminali u huwa pależi li hawn ukoll, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi jekk ir-rikorrent għandux jiġi estradit lejn l-Italja jew le.

13. Illi huwa paċifiku li f'proċeduri ta' estradizzjoni, l-irwol tal-qorti rimandanti (kemm f'prim'istanza jew appell) mhuwiex li tiddetermina hi l-mertu tal-każ kriminali tal-pajjiż esteru iżda għandha tiddetermina biss, abbażi tal-qafas legali applikabbli, jekk persuna tistax tiġi estradita u taħt liema kundizzjonijiet. Fil-każ odjern, din l-analiżi saret mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti u mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u t-tnejn li huma ddeterminaw li r-rikorrent kellu jiġi estradit.

14. Illi *in linea* mal-premess, fir-rikors promotur, donnu r-rikorrent qed ikompli bl-argument pwerili li hu mhuwiex il-persuna rikjesta mill-awtoritajiet Taljani. Dan il-punt ġie indirizzat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti u ġie analiżżat b'aktar profondità mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Hawn ukoll, huwa evidenti li dak li qiegħed jittenta r-rikorrent huwa li jitlob lil din l-Onorabbli Qorti isservi bħala appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali

15. Illi kif diġà ngħad, l-irwol ta' din l-Onorabbli Qorti huwa li tqis jekk seħħx jew x'aktarx ser iseħħ ksur tad-drittijiet fundamentali. F'din il-lanjanza, ir-rikorrent jargumenta li bl-estradizzjoni tiegħu lejn l-Italja hu mhuwiex ser ikollu smigħ xieraq. Ma hemm xejn fir-rikors

promotur li jissostanzja dak allegat minnu li fl-Italja mhux jew x'aktarx mhux ser jingħata smigħ xieraq.

16. Illi għalhekk, it-talbiet rikorrenti fir-rigward ta' din il-lanjanza għandhom jiġu miċħuda.

**Dwar l-Artikolu 7**

17. Illi għal xi raġuni, minkejja li ma jiffigura mkien fil-premessi tiegħu, ir-rikorrent jindika wkoll l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni fit-talbiet tiegħu. Dan l-artikolu jikkristallizza l-prinċipji bażilari ta' *nullem rimen sine lege* u li ma għandiex tingħata piena akbar minn dik applikabbli fiż-żmien meta r-reat ikun sar. Preċiżament kif dan l-artikolu ġie leż jew x'aktarx ser jiġi leż mhuwiex spjegat. Madankollu, li huwa żgur huwa li fil-Mandat ta' Arrest Ewropew, l-awtoritajiet Taljani kienu ċari dwar ir-reati fuqiex kienu qed jibbażaw l-istess Mandat u għalhekk, ċertament ma hemmx lok ta' ksur ta' dan l-artikolu.

18. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti **tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura;

Qrat u semgħet ix-xhieda kollha imressqa mill-partijiet fil-perkors ta' din il-proċedura;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fil-11 ta' Ġunju 2022 ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħal Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. F'dawn il-proċeduri l-Istat Malti qiegħed jintalab li jestradixxi ossija jċedi lir-rikorrent lejn l-Italja. It-talba għaċ-ċessjoni tar-rikorrent lill-Istat Taljan hija marbuta ma'

rejati allegatment kommessi minnu inkonessjoni ma' traffikar ta' droga fit-territorju taljan.

**2.** Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Qorti imsemmija ordnat il-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent pero' b'konsegwenza ta' appell intavolat mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet l-appell u għalhekk fit-2 ta' Awwissu 2022 bagħtet l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħal Qorti Istruttorja sabiex tisma' u tiddeċiedi l-każ.

**3.** Ir-rikorrent permezz ta' talba tat-23 ta' Awwissu 2022, talab lill-Qorti tal-Maġistrati biex titlob garanzija mingħand l-istat Taljan. Li f'każ li r-rikorrent jitreġġa' lura lejn l-Italja, l-Istat Taljan jagħti l-aċċertament li ż-żamma tiegħu f'ħabs taljan jew post ieħor ta' detenzjoni, il-kundizzjonijiet ser ikunu jirrispettaw il-ħarsien li jipprovdi artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Din it-talba ġiet miċħuda.

**4.** Għalhekk ir-rikorrent ressaq din it-talba quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Dik il-Qorti laqgħet din it-talba u fit-2 ta' Settembru 2022 dik il-Qorti ordnat lill-Istat Taljan jipprovdi din il-garanzija. Ir-rikorrent jgħid li d-dokument mibgħut ma issodisfahx u l-anqas tah serħan tal-moħħ li d-dritt tiegħu taħt artikolu 3 kien tassew ser ikun rispettat. Għalhekk għamel din il-proċedura.

**Punti ta' liġi**

**5.** Minħabba dak li ingħad aktar 'l fuq ir-rikorrent qiegħed jinsisti li la ser jingħata smiegħ xieraq u aktar minn hekk l-anqas ser jingħata

trattament xieraq u dan minħabba l-istat tal-ħabsijiet taljani. Dan ifisser li ser ikollu d-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa minn artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni miksura u kif ukoll artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

Artikolu 3 jiddisponi hekk:

*"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti",*

Artikolu 6 jiddisponi hekk:

*"1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għalsmigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunalindipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi esklużmill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajjaprivata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja;*

*2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjusli jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijietminimi li ġejjin:*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*

*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu*

*ċ) li jiddefendi ruħu persunalmentr jew permezz ta'assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk majkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*

*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*

*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."*

Artikolu 7 jiddisponi hekk:

*"(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkunsar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

*(2) Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati."*

**6.** Ikun utli li qabel kollox jiġu ċċarati xi punti dwar l-elementi tal-EAW.

**7.** Qabel xejn din il-Qorti temmen li l-użu tal-kelma ta' estradizzjoni f'din il-proċedura huwa "*a legal misnomer*". Dan għaliex, dawn huma proċeduri partikolari ħafna għaliex għalkemm huma imsejsa fuq elementi solitament marbuta mal-istitut tal-estradizzjoni, fl-istess ħin huma mfassla u hu maħsuba li jkollhom effetti li jmorru lil hinn mill-proċedura tal-estradizzjoni. Għalkemm fir-reġim legali Malti, dan ix-xorta ta' mandat jinsab integrat fil-Liġi tal-Estradizzjoni, fl-istess ħin din il-proċedura ma tistax titqies strettament li hija proċedura t'estradizzjoni fit-tifsira konvenzjonali tal-kelma. Dan huwa l-prinċipju sors ta' ispirazzjoni mhux biss tal-liġijiet muniċipali iżda anke tal-ermenawtika sentenzjali tat-Tribunali internazzjonali fuq il-materja.

**8.** Bħala prinċipju Qorti ma teżegwixxix mandat bħal dan biss fl-eventwalita' li tkun tesisti xi raġuni għaċ-ċaħda kif imsemmi fid-Deċiżjoni Kwadru. Ir-raġunijiet ta' ċaħda huma partikulari u limitati jew jekk rarament ikun hemm xi raġunijiet meqjusa mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħala tant gravi li jippermettu n-nuqqas ta' eżegwibbilta tal-mandat. Fin-nuqqas ta' dawn ir-raġunijiet, il-presunzjoni *iure et de iure* hija li l-mandat tal-arrest Ewropew jiġi ezegwit.

**9.** Stabbiliti dawn il-prinċipji jmiss issa li jingħad li l-implimentazzjoni ta' EAW taħt artiklu 1(3) tal-EAW *"can only be suspended in the vent of a serious and persistent breach of the principles set out in Art 6(1) of the*

*Treaty of the European Union (TEU), Thus mutual trust constitutes the very basis of the instrument”* (a’ fol 142). Artikoli 3 u 4 tal-Karta Ewropeja tad-Drittijiet tal-bniedem huma fihom infushom projbizzjoni tal-ksur tad-dritt fundamentali kif imħarsa minn dawn l-istess artikoli. Dan ifisser ukoll li huwa konsonanti mal-prinċipju ta’ “*drittwirkung”* fis-sens li jgħabbu lill-Istat bl-obbligazzjoni posittiva li ma jippermettix il-ksur ta’ dawn l-artikoli fejn l-estradizzjoni tista’ twassal għal ksur tagħhom (ara **Aranyosi u Caldararu -vs- General Staatsanwaltschaft Brenem tal-5 ta’ April 2016**).

**10.** Il-fiduċja reċiproka (“*mutual trust*”) bejn l-istati membri tal-Unjoni Ewropeja ma tfissirx eżenjoni ndiskriminata mill-konsegwenzi li jista’ jsoffri l-persuna rikjesta minħabba trattament inuman fiċ-ċentri ta’ ħabsijiet tal-Istat domandanti. (Ara fost oħrajn **Ahmad -vs- Renju Unit tal-10 ta’ April 2012**). Di fatti artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni jgħid li meta tieħu deċiżjoni favur it-treġġiegħ lura ta’ persuna rikjesta fuq mandat t’arrest Ewropew il-Qorti Rimandanti hija obbligata li tinfurma lill-persuna rikjesta bid-dritt li hija għandha li, jekk ikun jidhrilha li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1)(2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni ġie miksur jew jekk xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet, jew x’aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, hija għandha jedd titlob rimedju skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew skont l-Att dwar il-

Konvenzjoni Ewropea skont il-każ. L-irwol ta' din il-Qorti imbagħad hija li tirrevedi dik id-deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-Qorti tal-Maġistrati kif spjegat iżjed il-fuq.

**11.** F'dan l-istadju tajjeb ukoll li l-Qorti tfakkar, li anke l-Kostituzzjoni ta' Malta tesiġi li l-Parlament Malti ma jistax jagħmel liġijiet li jmorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tant li artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi hekk:

*"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003."* (Emfażi tal-Qorti). Għalhekk meta jsiru t-transposizzjonijiet tar-regolamenti Ewropej u f'dan il-każ l-EAW, il-Parlament Malti għandu jaċċerta li ma jkun fih xejn li jmorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan japplika aktar u aktar għad-direttivi tal-EU.

## Konsiderazzjonijiet

**12.** Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra l-artikoli tal-konvenzjoni li skont ir-rikorrent qiegħed jilmenta li qed jinkisru fiċ-ċirkostanzi. Dawn huma artikoli 6, 7 u 3 tal-konvenzjoni. Ser ikunu trattati f'din l-ordni.

*<u>Artikolu 6</u>*

**13.** Min-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ma hux ċar għal-liema Qorti qiegħed jirreferi, jekk hux dik Maltija jew Taljana. Imma fi kwalunkwe każ, minn eżami tal-istat tas-Sentenzi tal-ECHR dan l-artikolu ma hux applikabbli għall-każ ta' trasferiment jew estradizzjoni ta' persuna lejn pajjiż ieħor. F'dan ir-rigward intqal li "*the Court notes that, in general, exclusion orders are not classified as criminal within the member States of the Council of Europe. Such orders, which in most States may also be made by the administrative authorities, constitute a special preventive measure for the purposes of immigration control and do not concern the determination of a criminal charge against the applicant for the purposes of Article 6 § 1. The fact that they are imposed in the context of criminal proceedings cannot alter their essentially preventive nature. It follows that proceedings for rescission of such measures cannot be regarded as being in the criminal sphere either"* (Ara **Maaouia v. France [GC], 2000, § 39**). Fis-**Sentenza fl-ismijiet Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), 2002** dik il-Qorti irribadit dan il-prinċipju meta qalet li "*Par ailleurs, la procédure d'extradition ne porte pas contestation sur les droits et obligations de caractère civil du requérant, ni sur le bien-fondé d'une accusation en matière pénale dirigée contre lui au sens de l'article 6 de la Convention*". U li kieku dan ma kienx biżżejjed il-Qorti għal darba oħra affermat li "*With regard to the applicant's complaints under Article 6 of the Convention, the Court reiterates at the outset that the right not to be extradited is not as*

*such one of the rights and freedoms recognised in the Convention and its additional Protocols”* (Ara **Monedero Angora v. Spain (dec.), 2008**).

**14.** F’dan ir-rigward il-Qorti taqbel ma dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija -vs- John Spiteri ċitata mill-partijiet f’din il-proċedura u ċioe’ li “l-*persuna rikjesta jkollha d-drittijiet kollha tagħha li tiddefendi lilha nnifisha quddiem il-Qrati tal-pajjiż li jkun qed jitlob iċ-ċediment tagħha fejn allura l-prinċipji ta’ garanzija tal-proċedura kriminali kollha mħaddna minn dak il-pajjiż tal-Unjoni Ewropea jkunu applikabbli favur tagħha in bażi għall-prinċipju tal-ekwivalenza: sies ieħor li tistrieħ fuqu s-sistema tal-mandat tal-arrest Ewropew*”.

**15.** Wara kollox l-Italja, pajjiż kommunitarju, huwa aderenti kemm għall-Konvenzjoni Ewropeja u kif ukoll għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem Ewropeja. Ma hemm xejn xi jżomm lir-rikorrent li darba jkun quddiem il-Qorti Taljana li jissolleva kwalunwke ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

**16.** Għalhekk l-ilment taħt dan l-artikolu ser ikun miċħud.

*<u>Artikolu 7</u>*

**17.** Dan l-artikolu jenunċja l-prinċipju antik ta’ *nullum crimen sine lege.* Anke f’dan ir-rigward, in-nota ta’ osservazzjonijiet tar-rikorrent ma tixħet ebda dawl għala l-ksur ta’ dan l-artikolu.

**18.** Din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-artikolu japplika fejn persuna tkun instabet ħatja li kkommettiet offiża kriminali. Dan l-artikolu ma jkoprix

sempliċiment prosekuzzjoni li hija pendenti.  Għal skopijiet ta' dan l-artikolu skond il-konvenzjoni ma jistax ikollok kundanna jekk il-liġi ma tipprovdix għar-rejat (Ara **Vivara -vs- Italja**).  Aktar minn hekk intqal li "*The applicant wrongly invokes Article 7 of the Convention in relation to his extradition.  This provision embodies the principle of the legality of crimes and punishments and provides in particular that "no one shall be held guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed"*  (Emfażi tal-Qorti Ara **APPLICATION/REQUETE N 7512/7 6 X. v/the NETHERLANDS**).

**19.** Dan ifisser li din il-Qorti fir-rigward ta' dan l-artikolu taqbel ma dak li ssottometta l-intimat Avukat fis-sens li dan l-artikolu "*jikkristalizza il-principji bazilari ta' nullum crimen sine lege u li ma ghandhiex tinghata piena akbar minn dik applikabbli fiz-zmien meta r-reat ikun sar. Precisament kif dan l-artikolu gie lez jew x'aktarx ser jigi lez mhuwiex spjegat*." (a' fol 14).

**20.** Għalhekk anke l-ilment f'dan ir-rigward ser ikun miċħud.

*Artikolu 3*

**21.** Dan l-ilment bħal donnu kien *an afterthought* meta l-kwistjoni kienet għadha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.  Dan qiegħed jingħad, peress li minn qari tas-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja tal-11 ta' Ġunju 2022 ma jirrisultax li l-aggravju ta' trattament bi

ksur tal-artikolu 3 tal-konvenzjoni ġie imqanqal tempestivament qabel ma l-Kawża tħalliet għas-Sentenza. Kif anke jirrisulta mir-rikors tal-appell lill-Qorti tal-Appell Kriminali. Kien biss wara li l-ewwel Qorti ħalliet il-Kawża għas-Sentenza li r-rikorrent għamel rikors għas-sospensjoni tas-Sentenza minħabba s-sitwazzjoni fil-ħabsijiet taljani. Il-Qorti tal-Appell Kriminali xorta trattat dan il-punt kif fil-fatt kien mistħoqq.

**22.** Inkwantu jirrigwarda l-ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni din il-Qorti fliet sewwa l-provi li tressqulha, provi li l-maġġor parti tagħhom ressaqhom ir-rikorrent u tagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

**23.** Fir-rapport tal-European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment, taħt l-intestatura ta' "*Ill Treatment*" jissemmew żewġ kawżi ta' maltrattament, pero dawn jirreferu għal waqt li l-arrest ta' persuna fih innifsu li jġib miegħu perikoli evidenti u jingħad li "*The above-mentioned two cases are clear examples of alleged deliberate ill-treatment which cannot be justified as being necessary to affect an apprehension or considered as a proportionate use of force*." Issa ż-żewġ każijiet li jissemmew l-anqas jirreferu għall-maltrattament fil-ħabs iżda fil-mument tal-arrest.

**24.** Anzi meta l-persuni ttieħdu l-ħabs ittieħdilhom x-ray u ct scan li bis-saħħa tagħhom seta' jiġi stabbilit li fil-mument tal-arrest u mhux fil-ħabs il-persuna ġiet maltrattata. (a' fol 59). Di fatti il-ġist ta' din il-parti tar-rapport ma jirrigwardax maltrattament fil-ħabs iżda l-istat ta' saħħa tal-persuna wara li tidħol il-ħabs b'allegazzjoni ta' swat waqt l-arrest.

**25.** Kwantu għal "over crowding" ir-rapport jinnota li "*Following the 2013 European Court of Human Rights pilot judgment Torregiani -vs- Italy which confirmed the structural and systematic nature of prison overcrowding, the Italian Authorities managed to reduce the prison population by 18% ...*" (a' fol 67 u 68). Ir-rapport ikompli jinnota ukoll li "*In the course of the 2022 visit, the vast majority of persons in prisons visited informed the delegation that the custodial staff behaves correctly towards them. In those sections where the prison officers were located within the wings, affording more direct contact between the staff and the prisoners there was greater appreciation of the officers. At the same time, many prisoners stated that they had little contact with custodial officers*" (a' fol 70).

**26.** Kwantu għall-kundizzjonijiet ta' ħabsijiet taljani fil-waqt li huma deskritti bħala "poor" ir-rapport jirrikonoxxi li "*The October 2018 reform of the Prison Law introduced several important provisions to improve the conditions of detention and the regime offered to persons in prison. These included the improvement of the cell sanitary facilities (full partitioning of sanitary annexes and the installation of in-cell showers), the heating of cells 'as required by the weather conditions' and better quality food. Art 10 of the Prison Law now states that 'courtyards should be adequate in size and design and equipped with shelters against inclement weather*" (a' fol 77). Id-dokument li ntbagħat mill-Awtoritajiet Taljani dwar il-Ħabs ta' Catania, presentat fil-mori tal-Appell Kriminali,

jindikaw li dan il-ħabs huwa konformi mal-imsemmija riforma (a' fol 242 u 242). Kwantu għal trattament mediku r-rapport f'sens ġenerali huwa posittiv għalkemm hemm aspetti li jistgħu ikunu aħjar (a' fol 84 sa 880).

**27.** Ir-rikorrent saħaq ħafna biex l-Istat taljan jagħti garanzija li ser ikunu mħarsa d-drittijiet tar-rikorrent b'rispett lejn artikolu 3 tal-Konvenjoni. L-ewwel Qorti ċaħditha mentri l-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet din it-talba. Di fatti din il-garanzija tinsab immarkata bħala Dok AG7 fil-proċess tal-Appell Kriminali. Fiha hemm elenkat kif ser jinżamm ir-rikorrent. Minkejja li r-rikorrent jiddiskriviha bħala waħda konfużjonali u ġenerika, din il-Qorti jidhrilha mod ieħor. Fiha hemm mhux anqas minn 9 deskrizzjonijiet ta' kif ser jinżamm ir-rikorrent. B'dana kollu, oħroġ il-għaġeb, ir-rikorrent talab l-isfilz ta' dan id-dokument jew sabiex il-Qorti ma tagħtix każu (ara a' fol 481 tal-Proċess Kriminali). Il-Qorti ma hiex ċerta, jekk ir-rikorrent għamilx dan ir-rikors għax tassew kien jistħoqqlu jkun sfilzat id-dokument jew għaliex ma riedx li jġib il-kontenut tiegħu a' konjizzjoni tal-Qorti.

**28.** Dr. Mario Spiteri, Avukat fl-uffiċju tal-Avukat Ġenerali, European Affairs u Legal Research Unit jgħid, li kien hemm 46 fl-2020 u 40 fl-2021 li ġew trasferiti minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja lejn l-Italja (a' fol 251). Mill-esperjenza tieghu f'dan il-qasam ta' trasferimenti ta' priġunieri sa fejn jirrigwarda ħabsijiet taljani, qatt ma kellu lmenti, anzi kien hemm tnejn hawn Malta li minn jeddhom talbu li jiġu ttrasferiti lejn ħabsijiet taljani. Ma

kien hemm xejn xi jżomm lil dak li jkun li jagħmel ilment (a' fol 252 tergo u 253). Issa dwar din ix-xorta ta' garanzija jingħad hekk:

*"Assurances given by the receiving State about the treatment applicant will receive on return are taken into account when assessing the risk of ill treatment, but in most cases they have not proved decisive: they have either been inadequate in themselves or outweighed by contrary evidence"* (**Harris, O'Boyle and Warbrick, Law of the European Convention of Human Rights, 4th Ed page 250**).

**29.** Issa fir-rigward tal-garanzija mogħtija mill-Istat Taljan din il-Qorti ssib li din hija adegwata u li r-rikorrent ma rnexxilux iġib provi biżżejjed biex din il-Qorti tasal għall-konklużjoni b'serenita' li d-drittijiet tar-rikorrent ser ikunu leżi. Anzi minn dak li qal l-imsemmi Dr. Mario Spiteri ssaħħaħ il-fehma tagħha li dak li ingħad fil-garanzija huwa minnu. F'ħabs ma għandu jkun hemm qatt u taħt ebda ċirkostanza, trattament inuman jew degradanti tal-priġunier. Minn naħa l-oħra l-anqas huwa mistenni li dak li jkun isib il-kumdita' li għandu f'daru. F'ħabs hemm ċirkostanzi estraneji li kemm l-Amministrazzjoni tal-ħabs u kif ukoll l-Istat involut ma għandhomx kontroll fuqhom u l-aħjar ħaġa għandha dejjem tkun, li tevita li tintbagħat hemm minħabba l-kondotta xejn tajba tiegħek.

**30.** Fl-aħħar nett dwar dan l-ilment, il-Qorti ma tistax ma ssemmix, li r-rikorrent għamel referenza għal sentenza tal-Qorti ta' Catania tat-3 ta' Lulju 2023 fejn dik il-Qorti ċaħdet talba ta' estradizzjoni ta' persuna lejn Malta għaliex skond dik il-Qorti il-ħabsijiet Maltin ma joffrux kundizzjonijiet

adegwati (a' fol 255 u 257). Ergo, dan ifisser, li l-ħabsijiet taljani aħjar minn dawk Maltin.

**31.** Għalhekk anke dan l-ilment qiegħed ikun miċħud.

**L-Identita'**

**32.** Il-Qorti ma fehmitx taħt liema mill-artikoli tal-konvenzjoni qiegħed jivventila dan l-ilment. Taħt artikolu 3 żgur li le. Taħt artikolu 7 żgur li le u taħt artikolu 6 ma jistax ikun, għaliex kif diġa' spjegat aktar 'l fuq dan l-artikolu ma hux applikabbli għall-estradizzjonijiet. Dan l-aspett ġie approfondit kemm mill-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll mill-Qorti tal-Appell.

**33.** Meta r-rikorrent ressaq rapprestant tal-Istatistika biex jixhed li f'Malta hawn 119 bl-isem ta' John Spiteri (a' fol 42 tergo u 43 u 44), huwa ċar li b'din il-prova qiegħed iqanqal l-aspett ta' "*possible mistaken identity*" la tant hawn persuni bl-istess isem u kunjom tar-rikorrent. Imma ma jistax ikun li dawn kollha għandhom l-istess data tat-twelid u l-istess numru tal-passaport jew l-ID Card, talinqas din il-prova ma nġabitx.

**34.** Kif qalet ben tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali li "*l-kwistjoni dwar jekk fil-fatt dik il-persuna li tkun inġiebet quddiemha tkunx l-istess persuna li verament tkun wettqet id-delitt li għalih tkun imfitxija jew tkunx persuna kompletament estraneja għat-twettieq tad-delitt, hija kwistjoni li tkun trid tiġi deċiża mill-Qorti Barranija li quddiemha jkun irid jinstema' l-każ, in bażi għall-provi li jitresqu quddiem dik il-Qorti*" għalkemm irid jingħad, li dik il-Qorti għarblet ukoll il-fatti li kellha quddiemha f'dan ir-rigward.

**35.** Fl-aħħar nett il-Qorti tfakkar, li din il-Qorti ma tistax tiġi adita biex tgħid jekk Qorti iddeċieditx tajjeb jew le. F'dan l-ilment dak li qiegħed jitlob r-rikorrent u din il-Qorti ma hiex waħda ta' Kassazzjoni jew it-tielet istanza ta' appell.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tiċħad it-talbiet** kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**